

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...  
C

Abbozz

**tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...**

**tal-...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru ... / ... li jistabbilixxi Regoli  
Implimentattivi dettaljati għas-saħħa medika tal-persunal tal-avjazzjoni ċivili skont ir-  
Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Abbozz

**tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...**

**tal-[...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru ... / ... li jistabbilixxi Regoli Implimentattivi dettaljati għas-saħħa medika tal-persunal tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(Test b'rilevanza taż-ŻEE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jimmira li jistabbilixxi u jżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa. Dak ir-Regolament jipprovdi għall-mezzi biex jintlaħaq dak il-għan u għanijiet oħra fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.
- (2) Il-bdoti involuti fit-tħaddim ta' ċerti inġenji tal-ajru għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stipulati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Skont dak ir-Regolament, il-bdoti għandu jinħarġilhom ċertifikat mediku ladarba jkunu nstabu konformi mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa medika.
- (3) L-eżaminaturi ajromediċi responsabbli għall-evalwazzjoni tas-saħħa medika tal-bdoti għandhom ikunu ċertifikati wkoll ladarba jkunu nstabu li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jipprevedi l-possibbiltà li professjonisti mediċi ġenerali jaġixxu bħala eżaminaturi ajromediċi taħt ċerti kondizzjonijiet u jekk ikun awtorizzat skont il-liġi nazzjonali.
- (4) L-ekwipaġġ tal-kabina involut fit-tħaddim ta' ċerti inġenji tal-ajru għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stipulati fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Skont dak ir-Regolament, l-ekwipaġġ tal-kabina għandha ssirlu valutazzjoni perjodika tas-saħħa medika biex ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet ta' sikurezza assenjati lilhom b'mod sikur. Il-konformità għandha tintwera permezz ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq l-aqwa prattika ajromedika.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta r-regoli implimentattivi meħtieġa għall-attestazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina u għall-bdoti ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll persuni involuti fit-taħriġ, l-ittestjar jew l-iċċekkjar tagħhom kif ukoll persuni involuti fil-valutazzjoni tas-saħħa medika tagħhom. Ir-Regolament (KE) Nru ... / .. stabbilixxa dawk ir-regoli implimentattivi, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati ma' rekwiżiti mediċi għall-bdoti u għall-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina. Għalhekk, dan ir-Regolament jemenda r-Regolament (KE) Nru ... / .. biex jinkludi dawn l-aspetti.
- (6) Huwa meħtieġ li jiġi pprovdut żmien biżżejjed għall-industrija ajronawtika u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex jaddattaw għall-qafas regolatorju ġdid, biex jagħtu żmien lill-Istati Membri sabiex joħorġu tipi speċifiċi ta' ċertifikati mediċi mhux koperti mill-‘JAR’, u biex jirrikonoxxu taħt ċerti kundizzjonijiet l-validità ta' ċertifikati mediċi maħruġa u valutazzjonijiet ajromediċi mwettqa qabel l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament.
- (7) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel u livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni, il-miżuri implimentattivi għandhom jirriflettu l-aqwa u l-aktar Prattiki ajromediċi moderni. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi li jkun sar qbil dwarhom mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (minn issa 'l quddiem “ICAO”) u l-Awtoritajiet Konġunti Ewropej tal-Avjazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll leġiżlazzjoni eżistenti li tappartjeni għal ambjent nazzjonali speċifiku, għandhom jiġu kkunsidrati.
- (8) L-Aġenzija ħejjiet abbozz tar-regoli implimentattivi u ppreżentatu bħala opinjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19 (1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru ... / .. huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

*“Artikolu 1  
Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għal:

1. klassifikazzjonijiet differenti ta' liċenzji tal-bdoti, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' liċenzji, il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' liċenzji u ċertifikati, il-kundizzjonijiet għall-konverżjoni ta' liċenzji nazzjonali ta' bdoti eżistenti u ta' liċenzji nazzjonali ta' inġiniera abbord f'liċenzji ta' bdoti, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' liċenzji minn pajjiżi terzi;
2. iċ-ċertifikazzjoni ta' persuni responsabbli biex jipprovdu taħriġ tat-titjir jew taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir u għall-valutazzjoni tal-ħiliet tal-bdoti;
3. ċertifikati mediċi differenti għall-bdoti, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati mediċi, il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' ċertifikati mediċi

- kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-konverżjoni ta' ċertifikati mediċi nazzjonali f' ċertifikati mediċi rikonoxxuti b' mod ġenerali;
4. iċ-ċertifikazzjoni ta' eżaminaturi ajromediċi, kif ukoll il-kundizzjonijiet skont liema l-professjonisti mediċi ġenerali jistgħu jaġixxu bħala eżaminaturi ajromediċi;
  5. il-valutazzjoni perjodika ajromedika tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll il-kwalifika ta' persuni responsabbli għal din il-valutazzjoni."
2. Fl-Artikolu 2, il-punti 4 u 5 huma mibdula b'dan li ġejj:
- "4. Liċenzja jew ċertifikat mediku 'konformi mal-JAR' tfisser il-liċenzja tal-bdot u l-klassifikazzjonijiet, iċ-ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet u/jew il-kwalifikazzjonijiet annessi, jew iċ-ċertifikat mediku maħruġ jew rikonoxxut, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrifletti l-JAR (Rekwiżiti Konġunti tal-Avjazzjoni) u l-proċeduri, minn Stat Membru li implimenta l-JAR rilevanti u li ġie rakkomandat għal rikonoxximent reċiproku fis-sistema tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni fir-rigward ta' dan il-JAR;
  5. Liċenzja jew ċertifikat mediku 'mhux konformi mal-JAR' tfisser il-liċenzja tal-bdot jew ċertifikat mediku maħruġin jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u li ma jkunux rakkomandati għal rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-JAR rilevanti;"
3. Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġejj:

*"Artikolu 3*

***Ħruġ ta' liċenzji tal-bdoti u ċertifikazzjoni medika***

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-bdoti tal-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Annessi I u IV."

4. L-Artikoli li ġejjin qiegħdin jiġu inklużi:

*"Artikolu 4a*

***Ċertifikati mediċi nazzjonali eżistenti għall-bdoti***

1. Ċertifikati mediċi tal-bdoti u approvazzjonijiet tal-eżaminaturi ajromediċi konformi mal-JAR maħruġin jew rikonoxxuti minn Stat Membru qabel dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jkunu inħarġu f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Ċertifikati mediċi tal-bdoti u approvazzjonijiet tal-eżaminaturi ajromediċi mhux konformi mal-JAR maħruġa minn Stat Membru qabel l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sad-data tal-validazzjoni mill-ġdid tagħhom, għal perjodu massimu ta' 5 snin wara l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

3. Il-validazzjoni mill-ġdid ta' ċertifikati msemmija fi 2. għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Parti-MED.

#### *Artikolu 9a*

##### ***Ekwipaġġ tal-kabina***

1. L-ekwipaġġ tal-kabina ta' inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Anness IV.
2. Ir-riżultati tal-eżamijiet jew tal-valutazzjonijiet mediċi tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina biex issir valutazzjoni tas-saħħa medika tagħhom biex turi li jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt l-UE-OPS jew rekwiżiti nazzjonali applikabbli li jkunu validi fid-data ta' applikabbiltà ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sat-tmiem tal-perjodu ta' validità:
  - (a) stabbilit mill-awtorità kompetenti taħt l-UE-OPS; jew
  - (b) previst fil-MED.D.005, skont liema jiġi l-ewwel, li jibda mid-data tal-aħħar eżami mediku jew valutazzjoni.”
5. Jiġi miżjud Anness IV ġdid kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

##### ***Dħul fis-seħħ***

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.  
Dan għandu japplika mit-8 ta' April 2012.
2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tas-Subparti D tal-Anness IV (saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina) sa (sentejn wara l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament).
3. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. Din in-notifika għandha tiddekrivi l-ġustifikazzjoni għal deroga bħal din, kif ukoll il-programm għall-implimentazzjoni li jkun fih l-azzjonijiet maħsuba u ż-żmien relatat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, XXXX.

*Għall-Kummissjoni*  
[...]  
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNEX IV**  
**GĦAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI**  
**PARTI-MEDIKA**

**SUBPARTI A**

**REKWIŻITI ĠENERALI**

**Taqsim 1**

**Ġenerali**

**MED.A.001 Awtorità kompetenti**

Għall-iskop ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

- (a) għal ċentri ajromediċi (AeMC):
  - (1) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn l-AeMC għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.
  - (2) jekk l-AeMC jinsab f'pajjiż terz, l-Aġenzija;
- (b) għal eżaminaturi ajromediċi (AME):
  - (1) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn l-AMEs għandhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom.
  - (2) jekk il-post prinċipali tan-negozju ta' AME jinsab f'pajjiż terz, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li fih hu/hi japplika/tapplika għall-ħruġ taċ-ċertifikat;
- (c) għal professjonisti mediċi ġenerali (GMP), l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn il-GMP jiddikjara l-attività tiegħu/tagħha;
- (d) għal professjonisti tas-saħħa medika fuq il-post tax-xogħol (OHMP) li jivvalutaw is-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn huwa bbażat l-ekwipaġġ tal-kabina.

**MED.A.005 Ambitu**

Din il-Parti tistabbilixxi r-rekwiżiti għal:

- (a) il-ħruġ, il-validità, il-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid taċ-ċertifikat mediku meħtieġa għall-eżerċizzju tal-privileġġi ta' liċenzja ta' bdot jew ta' bdot student;
- (b) is-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina;
- (c) iċ-ċertifikazzjoni tal-AMEs; u
- (d) il-kwalifika tal-GMPs u tal-professjonisti tas-saħħa medika fuq il-post tax-xogħol (OHMP).

**MED.A.010 Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' din il-Parti, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- ‘Konklużjoni medika akkreditata’ tfisser il-konklużjoni milħuqa minn espert mediku wieħed jew aktar minn wieħed aċċettabbli għall-awtorità tal-liċenzji, fuq il-bażi ta’ kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, għall-finijiet tal-każ ikkonċernat, b’konsultazzjoni mal-operazzjonijiet tat-titjir jew esperti oħra kif meħtieġ;
- ‘Valutazzjoni’ tfisser il-konklużjoni dwar is-saħħa medika ta’ persuna, ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-istorja medika tal-persuna u/jew eżamijiet ajromediċi kif meħtieġ f’din il-Parti u eżamijiet ulterjuri kif meħtieġ, u/jew testijiet mediċi bħal, iżda mhux limitati għal, ECG, kejl tal-pressjoni tad-demem, ittestjar tad-demem, X-ray.
- ‘Kulur sikur’ tfisser il-kapaċità tal-applikant li jiddistingwi faċilment il-kuluri użati fin-navigazzjoni bl-ajru u jidentifika b’mod korrett id-dwal ikkulluriti tal-avjazzjoni;
- ‘Speċjalista tal-għajnejn’ tfisser oftalmologu jew speċjalista għall-kura tal-viżta ikkwalifikat fl-ottometrija u mħarreġ biex jagħraf kundizzjonijiet patoloġiċi;
- ‘Investigazzjoni’ tfisser il-valutazzjoni ta’ kundizzjoni patoloġika suspetta ta’ applikant permezz ta’ eżamijiet u testijiet sabiex tiġi vverifikata l-preżenza jew in-nuqqas ta’ kundizzjoni medika;
- ‘Awtorità tal-liċenzji’ tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja, jew li japplika għandha xi ħadd għall-ħruġ ta’ liċenzja, jew, meta persuna tkun għadha ma applikatx għall-ħruġ ta’ liċenzja, l-awtorità kompetenti skont din il-Parti;
- ‘Limitazzjoni’ tfisser kundizzjoni mniżżla fuq iċ-ċertifikat mediku, liċenzja jew rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina li għandha tiġi mħarsa waqt li jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja, jew l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina;
- ‘Żball rifrattiv’ tfisser id-devjazzjoni minn emmetropja mkejla b’dijopteri fil-meridjan l-iktar ametropiku, imkejla b’metodi standard.

#### **MED.A.015 Kunfidenzjalità medika**

Il-persuni kollha involuti fl-eżami, valutazzjoni u ċertifikazzjoni medika għandhom jiżguraw li l-kunfidenzjalità medika tiġi rispettata l-ħin kollu.

#### **MED.A.020 Tnaqqis fis-saħħa medika**

- (a) Id-detenturi ta’ liċenzja m’għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom u l-klassifikazzjonijiet jew ċertifikati relatati f’kull ħin meta dawn:
  - (1) ikunu konxji ta’ kwalunkwe tnaqqis fis-saħħa medika tagħhom li jista’ jifxkilhom milli jkunu kapaċi jeżerċitaw dawk il-privileġġi b’mod sikur;
  - (2) jieħdu jew jużaw kwalunkwe medikazzjoni preskritta jew mhux preskritta li probabbli tfixkilhom milli jeżerċitaw il-privileġġi b’mod sikur tal-liċenzja applikabbli;
  - (3) jirċievu kwalunkwe trattament mediku, kirurġiku jew trattament ieħor li x’aktarx jinterferixxi mas-sikurezza tat-titjira.
- (b) Barra minn hekk, id-detenturi ta’ liċenzja għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jitolbu parir ajromediku meta dawn:
  - (1) ikunu għamli operazzjoni kirurġika jew proċedura invażiva;
  - (2) ikunu bdew l-użu regolari ta’ kwalunkwe medikazzjoni;



- (3) ikunu sofrew xi korriment personali sinifikanti li jwassal għal nuqqas fil-kapaċità li jiffunzjonaw bħala membru tal-ekwipaġġ tat-titjira;
  - (4) ikunu qed isofru minn xi mard sinifikanti li jinvolvi n-nuqqas ta' kapaċità li jiffunzjonaw bħala membru tal-ekwipaġġ tat-titjira;
  - (5) ikunu qed jistennew tarbija (tqal);
  - (6) ikunu ġew rikoverati fi sptar jew fi klinika medika;
  - (7) ikunu jeħtieġu lentijiet tal-kuntatt.
- (c) F'dawn il-każijiet:
- (1) id-detenturi taċ-ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u klassi 2 għandhom jitolbu l-parir ta' AeMC jew AME. L-AeMC jew l-AME għandu jivvaluta s-saħħa medika tad-detenturi tal-liċenzja u għandu jiddeċiedi jekk humiex tajbin biex jerġgħu jibdedew l-eżerċizzju tal-privileġġi tagħhom;
  - (2) id-detenturi taċ-ċertifikati mediċi tal-LAPL għandhom jitolbu l-parir tal-AeMC jew tal-AME, jew tal-GMP li ffirmat ċ-ċertifikat mediku. L-AeMC, l-AME jew il-GMP għandu jivvaluta s-saħħa medika tad-detenturi tal-liċenzja u għandu jiddeċiedi jekk humiex tajbin biex jerġgħu jibdedew iwettqu l-privileġġi tagħhom.
- (d) Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina m'għandhomx iwettqu dmirijiet fuq inġenju tal-ajru u, fejn applikabbli, m'għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina tagħhom meta jkunu konxji ta' kwalunkwe tnaqqis fil-kapaċità medika tagħhom, sal-punt li din il-kundizzjoni tistgħu tostakolahom milli jkunu kapaċi jwettqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom;
- (e) Barra minn hekk, jekk fil-kundizzjonijiet mediċi speċifikati f'(b)(1) sa (b)(5), il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom, mingħajr dewmien jitlobu l-parir ta' AME, AeMC jew OHMP kif applikabbli. L-AME, l-AeMC jew l-OHMP għandu jivvaluta s-saħħa medika tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina u għandu jiddeċiedi jekk humiex tajbin biex jerġgħu jibdedew iwettqu d-dmirijiet ta' sikurezza tagħhom.

#### **MED.A.025 Obbligi tal-AeMC, AME, GMP u OHMP**

- (a) Meta jwettqu eżamijiet u valutazzjonijiet mediċi, l-AeMC, l-AME, il-GMP u l-OHMP għandhom:
- (1) jiżguraw li l-komunikazzjoni mal-persuna tista' tiġi stabbilita mingħajr ostakli lingwistiċi;
  - (2) jagħmlu lill-persuna konxja tal-konsegwenzi f'każ li tipprovi stqarrijiet mhux kompleti, mhux eżatti jew foloz dwar l-istorja medika tagħhom.
- (b) Wara t-tlestija tal-eżamijiet ajromediċi u tal-valutazzjoni, l-AeMC, l-AME, il-GMP u l-OHMP għandhom:
- (1) jagħtu parir lill-persuna kemm jekk is-saħħa medika tagħha hija tajba, mhux tajba jew hija riferuta lill-awtorità tal-liċenzja, lill-AeMC jew lill-AME kif applikabbli;
  - (2) jinformaw lill-persuna bi kwalunkwe limitazzjoni li tista' tillimita t-taħriġ tat-titjir jew il-privileġġi tal-liċenzja, jew l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina kif applikabbli;
  - (3) jekk il-persuna tkun ġiet ivvalutata bħala mhux b'saħħitha, jinfurmawha bid-dritt tagħha għal appell; u

- (4) fil-każ ta' bdoti, jissottomettu mingħajr dewmien, rapport sħiħ iffirmit, jew awtentikat b'mod elettroniku li jinkludi r-riżultat tal-valutazzjoni u kopja taċ-ċertifikat mediku lill-awtorità tal-liċenzja.
- (c) L-AeMCs, l-AMEs, l-GMPs u l-OHMPs għandhom iżommu reġistri bid-dettalji ta' eżamijiet mediċi u valutazzjonijiet imwettqa skont din il-Parti u r-riżultati tagħhom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
- (d) Meta jkun meħtieġ għal attivitajiet ta' sorveljanza, l-AeMCs, l-AMEs, u l-GMPs għandhom jissottomettu lill-valutatur mediku tal-awtorità kompetenti fuq talba, ir-reġistri u r-rapporti ajromediċi kollha, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

## **Taqsim 2**

### **Rekwiżiti għaċ-ċertifikati mediċi**

#### **MED.A.030 Ċertifikati mediċi**

- (a) Bdot student m'għandux itir waħdu sakemm dak il-bdot student ma jkollux ċertifikat mediku, kif meħtieġ għal-liċenzja rilevanti.
- (b) L-applikanti għal u d-detenturi ta' liċenzja tal-bdoti għal inġenji tal-ajru ħfief (LAPL) għandu jkollhom mill-inqas ċertifikat mediku tal-LAPL.
- (c) L-applikanti għal u d-detenturi ta' liċenzja tal-bdoti privati (PPL), liċenzja ta' bdoti ta' glider (SPL), jew liċenzja ta' bdoti ta' blalen tal-ajru (BPL) għandu jkollhom mill-inqas ċertifikat mediku tal-klassi 2.
- (d) L-applikanti għal u d-detenturi ta' SPL jew BPL involuti f'titjiriet kummerċjali ta' gliders jew blalen tal-arja għandu jkollhom mill-inqas ċertifikat mediku tal-klassi 2.
- (e) Jekk tiżdied klassifikazzjoni ta' bil-lejl mal-PPL jew LAPL, id-detentur tal-liċenzja għandu jkun sikur fil-kuluri.
- (f) L-applikanti għal u d-detenturi ta' liċenzja ta' bdoti kummerċjali (CPL), liċenzja ta' bdoti ta' ekwipaġġ multiplu (MPL), jew liċenzja ta' bdoti tat-trasport b'linja tal-ajru (ATPL) għandu jkollhom ċertifikat mediku tal-klassi 1.
- (g) Jekk klassifikazzjoni ta' strument tiżdied mal-PPL, id-detentur tal-liċenzja għandu jagħmel eżamijiet ta' ton pur ta' awdjometrija skont il-perjodiċità u l-istandard meħtieġ għad-detenturi ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1.
- (h) Detentur ta' liċenzja m'għandu f'ebda ħin ikollu iktar minn ċertifikat mediku wieħed maħruġ skont din il-Parti.

#### **MED.A.035 Applikazzjoni għal ċertifikat mediku**

- (a) Applikazzjonijiet għal ċertifikat mediku għandhom isiru permezz ta' format stabbilit mill-awtorità kompetenti.
- (b) L-applikanti għal ċertifikat mediku għandhom jagħtu lill-AeMC, lill-AME jew lill-GMP kif applikabbli:
- (1) prova tal-identità tagħhom;
  - (2) dikjarazzjoni ffirmata:
    - (i) tal-fatti mediċi dwar l-istorja medika tagħhom;

- (ii) dwar jekk dawn ikunux diġà għamli eżami għal ċertifikat mediku u, jekk iva, minn min u x'kien dak ir-riżultat;
  - (iii) dwar jekk qatt ġewx ivvalutati bħala mhux b'saħħithom jew kellhomx ċertifikat mediku sospiż jew revokat.
- (c) Meta japplikaw għal validazzjoni mill-ġdid jew tiġdid taċ-ċertifikat mediku, l-applikanti għandhom jippreżentawh lill-AeMC, lill-SEM jew lill-GMP qabel l-eżamijiet rilevanti.

**MED.A.040 Ħruġ, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi**

- (a) Ċertifikat mediku għandu jinħareġ, jiġi vvalidat mill-ġdid jew imġedded biss ladarba jkunu saru l-eżamijiet mediċi mitluba u tkun saret valutazzjoni tajba.
- (b) *Kwistjoni inizjali*
  - (1) Ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandhom jinħarġu minn AeMC.
  - (2) Ċertifikati mediċi tal-klassi 2 għandhom jinħarġu minn AeMC jew AME.
  - (3) Ċertifikati mediċi tal-LAPL għandhom jinħarġu minn AeMC, AME jew, jekk ikun awtorizzat skont il-liġi nazzjonali tal-awtorità tal-liċenzji, permezz ta' GMP.
- (c) *Validazzjoni mill-ġdid u tiġdid*
  - (1) Ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u klassi 2 għandhom jiġu vvalidati mill-ġdid jew imġedda minn AeMC jew AME.
  - (2) Ċertifikati mediċi tal-LAPL għandhom jiġu vvalidati mill-ġdid jew imġedda minn AeMC, AME jew, jekk ikun awtorizzat skont il-liġi nazzjonali tal-awtorità tal-liċenzji, permezz ta' GMP.
- (d) L-AeMC, l-AME jew il-GMP għandhom joħorġu, jivvalidaw mill-ġdid jew iġeddu ċertifikat mediku biss jekk:
  - (1) l-applikant ikun ipprovdihom bi storja medika kompleta u, jekk meħtieġ mill-AeMC, mill-AME jew mill-GMP, ir-riżultati tal-eżamijiet mediċi u t-testijiet li jkunu mit-tabib tal-applikant jew minn kwalunkwe speċjalista mediku;
  - (2) jkunu wettqu valutazzjoni ajromedika bbażata fuq l-eżamijiet mediċi u t-testijiet kif meħtieġ għaċ-ċertifikat mediku rilevanti biex jivverifikaw li l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti kollha rilevanti ta' din il-Parti.
  - (3) L-AME, l-AeMC jew, fil-każ ta' riferiment, l-awtorità tal-liċenzji jistgħu jitolbu li l-applikant jgħaddi minn eżamijiet mediċi u investigazzjonijiet addizzjonali meta jkun indikat klinikament.
- (e) L-awtorità tal-liċenzji tista' toħroġ jew toħroġ mill-ġdid ċertifikat mediku, kif applikabbli, jekk:
  - (1) każ jiġi riferut;
  - (2) tkun identifikat li huma meħtieġa korrezzjonijiet għall-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat.

**MED.A.045 Validità, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi**

- (a) *Validità*
  - (1) Ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 12-il xahar.

- (2) Il-perjodu ta' validità ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandu jitnaqqas għal 6 xhur għal detenturi ta' liċenzja li:
  - (i) huma involuti f'operazzjonijiet kummerċjali minn bdot wieħed tat-trasport bl-ajru biex iġorru passiġġieri u laħqu l-età ta' 40;
  - (ii) jkunu għalqu 60 sena.
- (3) Ċertifikati mediċi tal-klassi 2 għandhom ikunu validi għal perjodu ta':
  - (i) 60 xahar sakemm id-detentur tal-liċenzja jilħaq l-età ta' 40. Ċertifikat mediku maħruġ qabel ma tintlaħaq l-età ta' 40 sena, ma jibqax validu meta d-detentur jagħlaq 42 sena;
  - (ii) 24 xahar bejn l-età ta' 40 u 50 sena. Ċertifikat mediku maħruġ qabel l-età ta' 50 sena ma jibqax validu meta li d-detentur jagħlaq 51; u
  - (iii) 12-il xahar wara l-età ta' 50.
- (4) Ċertifikati mediċi tal-LAPL għandhom ikunu validi għal perjodu ta':
  - (i) 60 xahar sakemm id-detentur tal-liċenzja jagħlaq l-età ta' 40 sena. Ċertifikat mediku maħruġ qabel jagħlaq l-40 sena ma jibqax validu wara li d-detentur tal-liċenzja jagħlaq 42 sena;
  - (ii) 24 xahar wara l-età ta' 40 sena.
- (5) Il-perjodu ta' validità ta' ċertifikat mediku, inkluż kwalunkwe eżami jew investigazzjoni speċjali assoċjata, għandu jiġi:
  - (i) stabbilit mill-età tal-applikant fid-data meta jsir l-eżami mediku, u
  - (ii) ikkalkulat mid-data tal-eżami mediku fil-każ ta' ħruġ inizjali u tiġdid, u mid-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat mediku preċedenti fil-każ ta' validazzjoni mill-ġdid.

(b) *Validazzjoni mill-ġdid*

Eżamijiet għall-validazzjoni mill-ġdid taċ-ċertifikat mediku jistgħu jsiru sa 45 jum qabel id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat mediku.

(c) *Tiġdid*

- (1) Jekk id-detentur ta' ċertifikat mediku ma jikkonformax ma' (b), għandu jkun meħtieġ eżami ta' tiġdid.
- (2) Fil-każ ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u klassi 2:
  - (i) jekk iċ-ċertifikat mediku jkun skada għal aktar minn sentejn, l-AeMC jew l-AME għandu jwettaq biss l-eżami tat-tiġdid wara valutazzjoni tar-reġistri ajromediċi tal-applikant;
  - (ii) jekk iċ-ċertifikat mediku jkun skada b'aktar minn 5 snin, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-eżami għall-ħruġ inizjali u l-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-validazzjoni mill-ġdid.
- (3) Fil-każ ta' ċertifikati mediċi tal-LAPL, l-AeMC, AME jew GMP għandhom jivvalutaw l-istorja medika tal-applikant u għandhom iwettqu l-eżami ajromediku f'konformità mal-MED.B.095.

### **MED.A.050 Riferiment**

- (a) Jekk applikant għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 jew tal-klassi 2 jiġi riferut lill-awtorità tal-liċenzji skont MED. B.001, l-AeMC jew l-AME għandu jibgħat id-dokumentazzjoni medika rilevanti lill-awtorità tal-liċenzji.
- (b) Jekk applikant għal ċertifikat mediku tal-LAPL jiġi riferut għand l-AME jew l-AeMC skont MED.B.001, il-GMP għandu jibgħat id-dokumentazzjoni medika rilevanti lill-AeMC jew lill-AME.

## **SUBPARTI B**

### **REKWIŻITI GĦAL ĊERTIFIKATI MEDIĊI TAL-BDOTI**

#### **Taqsimha 1**

#### **Ġenerali**

#### **MED.B.001 Limitazzjonijiet għal ċertifikati mediċi**

- (a) *Limitazzjonijiet għal ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u klassi 2*
- (1) Jekk l-applikant ma jkunx konformi għal kollox mar-rekwiżiti għall-klassi rilevanti ta' ċertifikat mediku iżda jitqies li mhux probabbli li jipperikola s-sikurezza tat-titjira, l-AeMC jew l-AEM għandhom:
    - (i) fil-każ ta' applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, jirreferu d-deċiżjoni dwar is-saħħa medika tal-applikant lill-awtorità tal-liċenzji kif indikat fis-Subparti B;
    - (ii) f'każijiet fejn referenza għall-awtorità tal-liċenzji ma tkunx indikata fis-Subparti B, jevalwaw jekk l-applikant ikunx kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu/tagħha b'mod sikur meta jikkonforma ma' limitazzjoni waħda jew aktar minn waħda fuq iċ-ċertifikat mediku, u joħroġu iċ-ċertifikat mediku bil-limitazzjoni(jiet) kif meħtieġ;
    - (iii) fil-każ ta' applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2, jevalwaw jekk l-applikant ikunx kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu/tagħha b'mod sikur meta jikkonforma ma' limitazzjoni waħda jew aktar minn waħda fuq iċ-ċertifikat mediku, u joħroġu iċ-ċertifikat mediku bil-limitazzjoni(jiet) kif meħtieġ wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji;
    - (iv) L-AeMC jew AME jistgħu jivvalidaw mill-ġdid jew iġeddu iċ-ċertifikat mediku bl-istess limitazzjoni mingħajr ma jirreferu l-applikant lill-awtorità tal-liċenzji.
- (b) *Limitazzjonijiet għal iċ-ċertifikati mediċi LAPL*
- (1) Jekk GMP, wara kunsiderazzjoni xierqa tal-istorja medika tal-applikant, jikkonkludi li l-applikant ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti għas-saħħa medika, il-GMP għandu jirreferi l-applikant għand AeMC jew AME, ħliet f'każ ta' dawk li jeħtieġu limitazzjoni relatata biss mal-użu tal-lentijiet korrettivi.
  - (2) Jekk jiġi riferut applikant għal iċ-ċertifikat mediku tal-LAPL, l-AeMC jew AME għandhom jagħtu konsiderazzjoni dovuta lill-MED.B.095, jevalwaw jekk l-applikant ikunx kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod sikur meta jikkonforma ma' limitazzjoni waħda jew aktar minn waħda fuq iċ-ċertifikat mediku u joħroġu iċ-ċertifikat mediku bil-limitazzjoni(jiet) kif meħtieġ. L-AeMC jew AME għandhom dejjem iqisu l-ħtieġa li jillimitaw lill-bdot milli jgħorr passiġġieri (OPL).
  - (3) Il-GMP jista' jivvalida mill-ġdid jew iġedded iċ-ċertifikat mediku tal-LAPL bl-istess limitazzjoni mingħajr ma jirreferi lill-applikant għand AeMC jew AME.
- (ċ) Fil-valutazzjoni ta' jekk limitazzjoni hijiex meħtieġa, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għal:

- (1) jekk konklużjoni medika akkreditata tindikax li f'ċirkostanzi speċjali, in-nuqqas tal-applikant milli jissodisfa kwalunkwe rekwiżit, kemm jekk numeriku kif ukoll le, huwiex tali li l-eżerċizzju tal-privileġġi tal-liċenzja mitluba mhux probabbli li jipperikolaw is-sikurezza tat-titjira;
  - (2) l-abilità, il-ħiliet u l-esperjenza tal-applikant rilevanti biex titwettaq l-operazzjoni.
- (d) *Kodiċi ta' limitazzjoni operattiva*
- (1) Limitazzjoni operattiva ta' diversi bdoti (OML – Klassi 1 biss)
    - (i) Meta detentur ta' CPL, ATPL jew MPL ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 u jiġi riferit għand awtorità tal-liċenzji, dan għandu jevalwa jekk iċ-ċertifikat mediku jistax jinħareġ b'OML 'validu biss bħala jew b'ko-bdot ikkwalifikat'.
    - (ii) Id-detentur ta' ċertifikat mediku b'OML għandu jħaddem inġenju tal-ajru biss f'operazzjonijiet ta' diversi bdoti meta l-bdot l-ieħor ikun ikkwalifikat għal kollox fuq it-tip rilevanti tal-inġenju tal-ajru, ma jkunx soġġett għal OML u ma jkunx għalaq 60 sena.
    - (iii) L-OML għal ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandha tkun imposta jew imneħħija biss mill-awtorità tal-liċenzji.
  - (2) Limitazzjoni Operattiva tas-Sikurezza tal-Bdoti (OSL - Klassi 2, LAPL biss)
    - (i) Id-detentur ta' ċertifikat mediku b'limitazzjoni OSL għandu jħaddem inġenju tal-ajru biss jekk bdot ieħor ikun ikkwalifikat għal kollox biex jaġixxi bħala bdot fil-kmand fir-rigward tal-klassi jew tip rilevanti tal-inġenju tal-ajru jkun abbord, l-inġenju tal-ajru jkun mġammar b'kontrolli doppji u l-bdot l-ieħor ikollu sit mal-kontrolli.
    - (ii) L-OSL għal ċertifikati mediċi tal-klassi 2 tista' tiġi imposta jew imneħħija minn AeMC jew AME wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji biss.
  - (3) Limitazzjoni Operattiva tal-Passiġġieri (OPL - Klassi 2 u LAPL biss)
    - (i) Id-detentur ta' ċertifikat mediku b'limitazzjoni OPL għandu jħaddem inġenju tal-ajru biss mingħajr passiġġieri abbord.
- (e) Kwalunkwe limitazzjoni oħra tista' tiġi imposta fuq id-detentur ta' ċertifikat mediku jekk tkun meħtieġa biex tiżgura s-sikurezza tat-titjira.
- (f) Kwalunkwe limitazzjoni imposta fuq id-detentur ta' ċertifikat mediku għandha tiġi speċifikata fih.

## **Taqsim 2**

### **Rekwiżiti mediċi għal ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u klassi 2**

#### **MED.B.005 Ġenerali**

- (a) L-applikanti għal ċertifikat mediku għandhom ikunu ħielsa minn kull:
- (1) anormalità, konġenitali jew akkwistata;
  - (2) marda attiva, latenti, akuta jew kronika jew diżabbiltà;
  - (3) ferita, korriment jew sequelae minn operazzjoni;

- (4) effett jew effett sekondarju minn kwalunkwe medikazzjoni terapewtika, djanjostika jew preventiva meħuda mogħtija b'riċetta ta' tabib jew mhux mogħtija b'riċetta ta' tabib;

li tinvolvi grad ta' nuqqas ta' kapaċità funzjonali li x'aktarx ifixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja applikabbli jew jista' jwassal li l-applikant x'aktarx li f'daqqa waħda jsir inkapaċi li jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja b'mod sikur.

### **MED.B.010 Sistema kardjovaskulari**

#### **(a) Eżami**

- (1) F'każ ta' indikazzjoni klinika għandhom jitwettqu elettrokardjogramma (ECG) standard ta' 12-il lead waqt mistrieħ u rapport, u:
- (i) għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, fl-eżami għall-ewwel ħruġ ta' ċertifikat mediku, imbagħad kull 5 snin sal-età ta' 30 sena, kull sentejn sal-età ta' 40, darba fis-sena sal-età ta' 50, u fl-eżamijiet kollha ta' validazzjoni mill-ġdid jew tiġdid wara dan;
  - (ii) għal ċertifikat mediku tal-klassi 2, fl-ewwel eżami wara l-età ta' 40 sena u mbagħad kull sentejn wara l-età ta' 50 sena.
- (2) Għandha tkun meħtieġa valutazzjoni kardjovaskulari estiża meta jkun indikat klinikament.
- (3) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, għandha ssir valutazzjoni kardjovaskulari estiża fl-ewwel validazzjoni mill-ġdid jew eżami ta' tiġdid wara l-età ta' 65 sena u kull 4 snin wara dan.
- (4) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, valutazzjoni tal-lipidi fis-serum, inkluż il-kolesterol, għandha tkun meħtieġa fl-eżami għall-ewwel ħruġ ta' ċertifikat mediku, u fl-ewwel eżami wara li tkun intlaħqet l-età ta' 40 sena.

#### **(b) Sistema Kardjovaskulari - Ġenerali**

- (1) L-applikanti m'għandhomx ikunu jsofru minn xi disturb kardjovaskulari li jista' jfixxkel it-tħaddim b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (2) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 b'xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu stmati bħala li mhumiex idonei:
- (i) aneurizmu tal-aorta addominali toraċika jew suprarenali, qabel jew wara l-kirurġija;
  - (ii) anormalità funzjonali sinifikanti ta' xi valv tal-qalb;
  - (iii) trapjant tal-qalb jew tal-qalb/pulmun.
- (3) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 bi storja stabbilita jew b'dijanjożi ta' xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji:
- (i) mard arterjali periferali qabel jew wara l-kirurġija;
  - (ii) aneurizma tal-aorta addominali, qabel jew wara l-kirurġija;
  - (iii) anormalitajiet valvulari kardijaċi funzjonalment insinifikanti;
  - (iv) wara l-kirurġija fil-valvi tal-qalb;



- (v) anormalità tal-perikardju, mijokardju jew endokardju;
  - (vi) anormalità konġenitali tal-qalb, qabel jew wara kirurġija korrettiva;
  - (vii) sinkope rikorrenti vasovagali;
  - (viii) trombożi arterjali jew fil-vini;
  - (ix) emboliżmu pulmonari;
  - (x) kundizzjoni kardjovaskulari li teħtieġ terapija antikoagulanti sistemika.
- (4) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 b'dijanjożi stabbilita ta' waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati f'(2) u (3) hawn fuq għandhom jiġu vvalutati minn kardjologu u wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji qabel tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba.

(c) *Pressjoni tad-demem*

- (1) Il-pessjoni tad-demem għandha tiġi mkejla wara kull eżami.
- (2) Il-pessjoni tad-demem tal-applikant għandha tkun fil-limiti normali.
- (3) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1:
  - (i) bi pressjoni baxxa sintomatika; jew
  - (ii) li l-pessjoni tad-demem tagħhom fl-eżami taqbeż b'mod konsistenti 160 mmHg sistolika u/jew 95 mmHg dijastolika, b'kura jew mingħajr kura għandhom jiġu stmati li mhumiex idonei.
- (4) Il-bidu ta' medikazzjoni għall-kontroll tal-pessjoni tad-demem għandu jeħtieġ perjodu ta' sospensjoni temporanja taċ-ċertifikat mediku sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' effetti sekondarji sinifikanti.

(d) *Mard tal-Arterji Koronarji*

- (1) Applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 b':
  - (i) iskemija mijokardjaka suspettata;
  - (ii) mard tal-arterja koronarja minuri astintomatiku li ma jeħtieġ ebda trattament anti-anginali;

għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji u għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjoloġika biex jeskludu l-iskemija mijokardjali qabel ma tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba.
- (2) Applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 b'xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(1) għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjoloġika qabel ma tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba.
- (3) Applikanti b'xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei:
  - (i) iskemja mijokardjaka;
  - (ii) mard tal-arterja koronarja sintomatiku;
  - (iii) sintomi ta' mard fl-arterji koronarji kkontrollati b'medikazzjoni.

- (4) Applikanti għall-ħruġ inizzjali ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1 bi storja jew b'dijanjożi ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei:
- (i) iskemja mijokardijaka;
  - (ii) infart mijokardijaku;
  - (iii) rivaskularizzazzjoni għall-marda tal-arterja koronarja.
- (5) Applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 li huma asintomatiċi wara infart mijokardijaku jew kirurġija għall-marda tal-arterji koronarji għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjoloġika sodisfaċenti qabel ma tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji. Applikanti għall-validazzjoni mill-ġdid ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji.

(e) *Disturbi fir-Ritmu/Konduzzjoni*

- (1) Applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji meta huma jkollhom xi disturbi sinifikanti fil-konduzzjoni jew fir-ritmu kardijaku, inkluż kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (i) disturb fir-ritmu supraventrikulari, inkluż disfunzjoni sinoatrijali intermittenti jew stabbilita, fibrillazzjoni atrijali u/jew aġitazzjoni u pawżi asintomatiċi sinużali;
  - (ii) imblukkar sħiħ fil-*bundle branch* tax-xellug;
  - (iii) imblukkar atriyoventrikulari tat-tip Mobitz 2;
  - (iv) takikardjika kumplessa wiesgħa u/jew dejqa;
  - (v) pre-eċitazzjoni ventrikulari;
  - (vi) prolungament asintomatiku tal-QT;
  - (vii) mudell Brugada fuq l-elettrokardjografija.
- (2) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 bi kwalunkwe mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(1) għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjoloġika sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (3) L-applikanti bi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (i) imblukkar mhux komplut tal-*bundle branch*;
  - (ii) imblukkar komplut tal-*bundle branch* tal-lemin;
  - (iii) devjazzjoni stabbli tal-assi tax-xellug;
  - (iv) bradikardja sinużali asintomatika;
  - (v) takikardija sinużali asintomatika;
  - (vi) kumplessi ektopiċi iżolati uniformi asintomatiċi supraventrikulari jew ventrikulari;
  - (vii) imblukkar atriyoventrikulari tal-ewwel livell;
  - (viii) imblukkar atriyoventrikulari ta' Mobitz tip 1;

jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei jekk ma jkunx hemm xi anormalità oħra u soġġetti għal valutazzjoni kardjoloġika sodisfaċenti.

(4) Applikanti bi storja ta':

(i) terapija ta' asportazzjoni;

(ii) impjant ta' pacemaker;

għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjovaskulari sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni idonea. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzji. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 għandhom jiġu vvalutati f'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

(5) Applikanti b'xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei:

(i) marda sinoatrijali sintomatika;

(ii) imblukkar atriyoventrikulari totali;

(iii) prolungament sintomatiku tal-QT;

(iv) sistema awtomatika impjantabbli ta' defibrillazzjoni;

(v) pacemaker anti-takikardja ventrikulari.

#### **MED.B.015 Sistema Respiratorja**

(a) Applikanti b'difett sinifikanti fil-funzjoni pulmonari għandhom jitqiesu bħala mhux idonei. Valutazzjoni tajba tista' titqies ladarba l-funzjoni pulmonari tkun irkuprat u ssir sodisfaċenti.

(b) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, l-applikanti huma meħtieġa li jwettqu testijiet tal-funzjoni pulmonari waqt l-eżami inizjali u f'każ ta' indikazzjoni klinika.

(c) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 2, l-applikanti huma meħtieġa li jwettqu testijiet tal-funzjoni pulmonari f'każ ta' indikazzjoni klinika.

(d) L-applikanti bi storja jew dijanjożi stabbiliti ta':

(1) ażżma li teħtieġ medikazzjoni;

(2) marda infjammatorja attiva tas-sistema respiratorja;

(3) sarkojdożi attiva;

(4) *pneumothorax*;

(5) sindromu ta' apneja tal-irqad;

(6) kirurġija toraċika maġġuri;

(7) pnemonettomija;

għandhom jgħaddu minn valutazzjoni respiratorja b'riżultat sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba. Applikanti b'dijanjożi stabbiliti tal-kundizzjonijiet speċifikati fi (3) u (5) għandhom jgħaddu minn valutazzjoni kardjoloġika sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tajba.

(e) Valutazzjoni ajromedika:

- (1) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 bi kwalunkwe mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(d) hawn fuq għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 2 bi kwalunkwe mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(d) hawn fuq għandhom jiġu vvalutati f'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (f) Applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 li jkunu għaddew minn pnemonettomija totali għandhom jiġu vvalutati bħala mhux idonei.

#### **MED.B.020 Sistema Diġestiva**

- (a) L-applikanti m'għandux ikollhom xi marda funzjonali jew strutturali tal-passaġġ gastrointestinali jew l-adnexa tiegħu li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) L-applikanti bi kwalunkwe sequelae ta' mard jew interventi kirurġiċi fi kwalunkwe parti tal-passaġġ diġestiv jew l-adnexa tiegħu li jistgħu jikkawżaw inkapaċità waqt it-titjira, b'mod partikolari kwalunkwe impediment minħabba 'stricture' jew kompressjoni għandhom jiġi vvalutati bħala mhux idonei.
- (c) L-applikanti m'għandux ikollhom ftuq li jista' jwassal għal sintomi inkapaċitanti.
- (d) Applikanti b'disturbi fis-sistema gastrointestinali inkluż:
  - (1) disturb dispeptiku rikorrenti li jeħtieġ medikazzjoni;
  - (2) pankreatite;
  - (3) ġebbla sintomatika;
  - (4) dijanjożi stabbilita jew storja ta' mard kroniku tal-musrana infjammata;
  - (5) wara operazzjoni kirurġika fuq il-passaġġ diġestiv jew l-adnexa tiegħu, inkluż kirurġija li tinvolvi qtugħ totali jew parzjali jew devjazzjoni ta' kwalunkwe minn dawn l-organi;

għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei. Valutazzjoni tajba tista' tiġi kkunsidrata wara t-trattament b'suċċess jew irkupru totali wara l-kirurġija u soġġetti għal valutazzjoni gastroenteroloġika sodisfaċenti.
- (e) Valutazzjoni ajromedika:
  - (1) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 bid-dijanjożi tal-kundizzjonijiet speċifikati fi (2), (4) u (5) għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 bil-pankreatite għandha tiġi stabbilita f'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

#### **MED.B.025 Sistemi Metaboliċi u Endokrinali**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda disturb funzjonali jew strutturali metaboliku, nutrittiv jew endokrinali li x'aktarx ifixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) L-applikanti b'disfunzjoni metabolika, nutrittiva jew endokrinali jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei soġġett għal stabbiltà murija fil-kundizzjoni u fil-valutazzjoni sodisfaċenti ajromedika.
- (c) *Dijabete mellitus*

- (1) L-applikanti b'dijabete mellitus li jeħtieġu l-insulina għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei.
  - (2) L-applikanti b'dijabete mellitus li ma jeħtiġux l-insulina għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei sakemm ma jkunx jista' jintwera li jkun inkiseb il-kontroll taz-zokkor fid-demmi.
- (d) Valutazzjoni ajromedika:
- (1) l-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 li jeħtieġu medikazzjoni oħra minbarra l-insulina għall-kontroll taz-zokkor fid-demmi għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 li jeħtieġu medikazzjoni oħra minbarra l-insulina għall-kontroll taz-zokkor fid-demmi għandha tiġi stabbilita f'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

### **MED.B.030 Ematoloġija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda mard ematoloġiku li jista' jfikkell l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, l-emoglobina għandha tiġi ttestjata f'kull eżami għall-ħruġ ta' ċertifikat mediku.
- (c) L-applikanti b'kundizzjoni ematoloġika, bħal:
  - (1) disturbi fil-koagulazzjoni, emorraġiċi jew trombotiċi;
  - (2) lewkimja kronika;
 jiġstgħu jiġu stmati bħala idonei soġġetti għal valutazzjoni ajromedika sodisfaċenti.
- (d) Valutazzjoni ajromedika:
  - (1) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 b'waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati f'(c) hawn fuq għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 b'waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati f'(c) hawn fuq għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (e) Applikanti tal-klassi 1 b'waħda mill-kundizzjonijiet ematoloġiċi speċifikati hawn taħt għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji:
  - (1) emoglobina anormali, inkluż, iżda mhux limitati għal, anemija poliċitemija jew emoglobinopatija;
  - (2) tkabbir limfatiku sinifikanti;
  - (3) tkabbir tal-milsa.

### **MED.B.035 Sistema Ġenitourinarja**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda marda funzjonali jew strutturali fis-sistema tal-kliewi jew ġenitourinarja jew l-adnexa tagħha li tista' tfikkell l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) L-analiżi tal-awrina għandha tiffirma parti minn kull eżami ajromediku. L-awrina m'għandu jkun fiha ebda element mhux normali kkunsidrat ta' importanza patoloġika.

- (c) L-applikanti bi kwalunkwe sequela ta' mard jew ta' proċeduri kirurġiċi fil-kliwi jew il-passaġġ urinarju li x'aktarx jikkawżaw inkapaċità, b'mod partikolari kwalunkwe ostaklu minħabba stricture jew kompressjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala mhux idonei.
- (d) L-applikanti b'disturb ġenitourinarju, bħal:
  - (1) mard renali;
  - (2) kalkulu wieħed jew aktar tal-awrina, jew storja ta' kolika renali;
 jistgħu jiġu stmati bħala idonei soġġetti għal valutazzjoni sodisfaċenti renali/uroloġika.
- (e) L-applikanti li jkunu għaddew minn operazzjoni kirurġika serja fil-passaġġ urinarju li tinvolvi qtugħ totali jew parzjali jew xi devjazzjoni tal-organi tiegħu għandhom jitqiesu bħala mhux idonei u għandhom jiġu evalwati mill-ġdid wara l-irkupru totali qabel tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni idonea. Fil-każ ta' applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1, il-valutazzjoni mill-ġdid għandha ssir mill-awtorità tal-liċenzji.

#### **MED.B.040 Mard Infettiv**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda storja medika jew dijanjożi klinika stabbilita ta' kwalunkwe marda infettiva li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja applikabbli miżmuma.
- (b) L-applikanti li huma pożittivi għall-HIV jistgħu jiġu kkunsidrati bħala idonei, soġġetti għal valutazzjoni ajromedika sodisfaċenti. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji.

#### **MED.B.045 Ostetrija u Ġinekoloġija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda kundizzjoni funzjonali jew strutturali ostetrika jew ġinekoloġika li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) L-applikanti li jkunu għamli operazzjoni ġinekoloġika serja għandhom jiġu stmati bħala li mhumiex idonji qabel ma jirkupraw għal kollox.
- (c) *Tqala*
  - (1) Fil-każ ta' tqala, jekk l-AeMC jew l-AME iqis li d-detentur ta' liċenzja jkun idoneu biex jeżerċita l-privileġġi tiegħu, hu/hi għandu jillimita l-perjodu ta' validità ta' ċertifikat mediku sal-aħħar tas-26 ġimgħa ta' ġestazzjoni. Wara dan il-punt, iċ-ċertifikat għandu jiġi sospiż. Is-sospensjoni għandha titneħħa wara l-irkupru sħiħ meta tispiċċa t-tqala.
  - (2) Id-detenturi ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-liċenzji tagħhom sas-26 ġimgħa ta' ġestazzjoni ma' OML. Minkejja MED. B.001 f'dan il-każ, l-OML tista' tiġi imposta u mneħħija mill-AeMC jew mill-AME.

#### **MED.B.050 Sistema Muskuloskeletal**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda anormalità fl-għadam, ġogi, muskoli jew tendons, konġenitali jew akkwistati li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Applikant għandu jkollu tul biżżejjed meta jpoġġi bil-qiegħda, tul tad-driegħ u r-riġlejn u saħħa muskolari għall-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.

- (c) Applikant għandu jkollu użu funzjonali sodisfaċenti tas-sistema muskuloskeletal biex jippermetti l-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli. Is-saħħa tal-applikanti għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

### **MED.B.055 Psikjatrija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda storja medika stabbilita jew djanjosi klinika ta' xi marda jew diżabilità, kundizzjoni jew disturb, psikjatrika akuta jew kronika, konġenitali jew miksuba, li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) L-applikanti b'disturb mentali jew b'disturb fl-imġiba minħabba alkoħol jew użu jew abbuż ieħor ta' sustanzi psikotropiċi għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei sakemm ma jkunux irkupraw u jsiru ħielsa mill-użu tas-sustanza u soġġetti għal evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti wara trattament ta' suċċess. L-applikanti għal ċertifikat mediku ta' klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji. Is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 għandha tiġi stabbilita wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (c) L-applikanti b'kundizzjoni psikjatrika bħal:
- (1) disturb fil-burdata;
  - (2) disturb newrotiku;
  - (3) disturb fil-personalità;
  - (4) disturb mentali jew fl-imġiba;
- għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti qabel tkun tista' ssir valutazzjoni ta' kundizzjoni fiżika tajba.
- (d) L-applikanti bi storja ta' att waħdieni jew ta' atti ripetuti ta' korriment personali deliberatament għandhom jiġu stmati bħala li mhumiex idonei. L-applikanti għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti qabel tkun tista' ssir valutazzjoni ta' kundizzjoni fiżika tajba.
- (e) Valutazzjoni ajromedika:
- (1) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 b'waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(b), (c) jew (d) hawn fuq għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 b'waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija f'(b), (c) jew (d) hawn fuq għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (f) L-applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjożi klinika ta' skizofrenija, disturbi skizotipali jew delużjonali għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei.

### **MED.B.060 Psikoloġija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda nuqqas psikoloġiku stabbilit, li aktarx jinterferixxi mal-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Evalwazzjoni psikoloġika tista' tkun meħtieġa bħala parti minn, jew kumplimentari għal, eżami psikjatriku jew newroloġiku minn speċjalista.

### **MED.B.065 Newroloġija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda storja medika stabbilita jew dijanjożi klinika ta' kwalunkwe kundizzjoni newroloġika li x'aktarx tfixkel il-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjożi klinika ta':
- (1) epilessija;
  - (2) episodji rikorrenti ta' disturb fil-kuxjenza ta' kawża inċerta; għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei.
- (c) Applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjożi klinika ta':
- (1) epilessija mingħajr rikorrenza wara l-età ta' 5 snin;
  - (2) epilessija mingħajr rikorrenza u mingħajr it-trattamenti kollha għal aktar minn 10 snin;
  - (3) anormalitajiet tal-*epileptiform EEG* u *focal slow waves*;
  - (4) mard progressiv jew mhux progressiv tas-sistema nervuża;
  - (5) episodju wieħed ta' disturb tas-sensi b'kawża inċerta;
  - (6) telf tas-sensi wara korriment fir-ras;
  - (7) korriment penetranti fil-moħħ;
  - (8) korriment spinali jew tan-nervituri periferali;

għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni ulterjuri qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni ta' kundizzjoni fiżika tajba. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji. Is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

### **MED.B.070 Sistema viżiva**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda anormalità fil-funzjoni tal-għajnejn jew tal-adnexa tagħhom jew xi kundizzjoni patoloġika attiva, konġenitali jew akkwistata, akuta jew kronika, jew kwalunkwe sequelae ta' kirurġija jew trawma tal-għajnejn, li x'aktarx tfixkel il-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) *Eżami*
- (1) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 1:
    - (i) eżami komprensiv tal-għajnejn għandu jiffirma parti mill-eżami inizjali u għandu jitwettaq perjodikament skont ir-rifrazzjoni u l-prestazzjoni funzjonali tal-għajn; u
    - (ii) eżami ta' rutina tal-għajnejn għandu jiffirma parti mill-eżamijiet kollha ta' validazzjoni mill-ġdid u tiġdid.
  - (2) Għal ċertifikat mediku tal-klassi 2:
    - (i) eżami ta' rutina tal-għajnejn għandu jiffirma parti mill-eżamijiet inizjali u ta' validazzjoni mill-ġdid u tiġdid kollha; u
    - (ii) eżami komprensiv tal-għajnejn għandu jsir meta jkun indikat klinikament.
- (c) Akutezza viżiva tal-bogħod, b'korrezzjoni jew mingħajrha, għandha tkun:



- (1) fil-każ ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1, 6/9 (0,7) jew aħjar f'kull għajn separatament u l-akutezza viżiva biż-żewġ għajnejn għandha tkun ta' 6/6 (1,0) jew aħjar;
  - (2) fil-każ ta' ċertifikat mediku tal-klassi 2, 6/12 (0,5) jew aħjar f'kull għajn separatament u l-akutezza viżiva biż-żewġ għajnejn għandha tkun ta' 6/9 (0,7) jew aħjar. Applikant b'viżta substandard f'għajn waħda jista' jiġi vvalutat bħala tajjeb b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji soġġett għal valutazzjoni oftalmika sodisfaċenti;
  - (3) applikanti għal ċertifikat mediku inizjali tal-klassi 1 b'viżjoni substandard f'għajn waħda għandhom jiġu kkunsidrati bħala mhux idonei. Fil-validazzjoni mill-ġdid, l-applikanti bil-viżta substandard miksuba f'għajn waħda għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji u jistgħu jiġu stmati bħala idonei jekk ma jkunx probabbli li dan ifixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-liċenzja li jkollhom.
- (d) L-applikant għandu jkun kapaċi li jaqra ċart N5 (jew ekwivalenti) minn 30-50cms u ċart N14 (jew ekwivalenti) minn 100cms, b'korrezzjoni, jekk ikun preskritt.
- (e) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom kampijiet viżivi normali u funzjoni binokulari normali.
- (f) L-applikanti li għamlu kirurġija f'għajnejhom jista' jiġu vvalutati bħala idonei soġġetti għal valutazzjoni oftalmika sodisfaċenti.
- (g) L-applikanti b'dijanjożi klinika ta' keratokonus jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei soġġetti għal eżami sodisfaċenti minn oftalmologu. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 mediku għandhom jiġu riferuti għand awtorità tal-liċenzji.
- (h) L-applikanti b':
- (1) astigmatiżmu;
  - (2) anisometropja;
- jistgħu jiġu stmati bħala idonei soġġetti għal valutazzjoni oftalmika sodisfaċenti.
- (i) Applikanti b'diploppja għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei.
- (j) *Nuċċalijiet u lentijiet tal-kuntatt.* Jekk funzjoni viżiva sodisfaċenti tinkiseb biss bl-użu ta' korrezzjoni:
- (1) (i) għal viżta mill-bogħod, għandhom jintlibsu nuċċali jew lentijiet tal-kuntatt waqt il-qadi tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli;
  - (ii) għal viżta mill-qrib, għandu jinżamm disponibbli nuċċali għall-użu mill-viċin waqt il-qadi tal-privileġġi tal-liċenzja;
  - (2) sett addizzjonali ta' nuċċali ta' korrezzjoni simili għandu jkun disponibbli faċilment għall-użu immedjat waqt il-qadi tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli;
  - (3) il-korrezzjoni għandha tipprovdi funzjoni viżiva ottima, tkun ittollerata tajjeb u adatta għal skopijiet tal-avjazzjoni;
  - (4) jekk jintlibsu l-lentijiet tal-kuntatt, dawn għandhom ikunu għal viżta tal-bogħod, monofokali, mhux ikkukuriti u ttollerati sew;
  - (5) l-applikanti b'difett rifrattiv kbir għandhom jużaw il-lentijiet tal-kuntatt jew lentijiet tan-nuċċali ta' indiċi għoli;
  - (6) m'għandux jintuża iktar minn nuċċali wieħed biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti viżivi;

(7) lentijiet ortokeratologiċi m'għandhomx jintużaw.

#### **MED.B.075 Viżta bil-kulur**

- (a) L-applikanti għandhom ikunu meħtieġa li juru l-kapaċità li jipperċepixxu immedjatement il-kuluri li huma meħtieġa għall-prestazzjoni sikura tad-dmirijiet tagħhom.
- (b) *Eżami*
  - (1) L-applikanti għandhom jgħaddu mit-test ta' Ishihara għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat mediku.
  - (2) L-applikanti li ma jgħaddux mit-test ta' Ishihara għandhom iwettqu testijiet ulterjuri għall-perċezzjoni tal-kulur biex jiġi stabbilit jekk dawn humiex sikuri bil-kulur.
- (c) Fil-każ ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1, l-applikanti għandu jkollhom perċezzjoni normali tal-kuluri jew ikunu sikuri bil-kulur. Applikanti li ma jgħaddux mit-testijiet ulterjuri tal-perċezzjoni tal-kulur għandhom jiġu stmati bħala li mhumiex idonei. L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji.
- (d) Fil-każ ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 2, meta l-applikant ma jkollux perċezzjoni sodisfaċenti tal-kuluri, il-privileġġi tiegħu/tagħha fit-tajran għandhom ikunu limitati għal bi nhar biss.

#### **MED.B.080 Otorino-laringologija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda anormalità fil-funzjoni tal-widnejn, l-immieher, is-sinuses jew il-gerżuma, inklużi l-kavità orali, is-snien u l-larinġi, jew kwalunkwe kundizzjoni patoloġika attiva, konġenitali jew akkwistata, akuta jew kronika, jew kwalunkwe sequelae ta' kirurġija jew trawma li x'aktarx tfixkel il-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Is-smiġh għandu jkun sodisfaċenti għall-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (c) *Eżami*
  - (1) Is-smiġh għandu jiġi ttestjat fl-eżamijiet kollha.
    - (i) Fil-każ ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1 u ċertifikati mediċi tal-klassi 2, meta klassifikazzjoni ta' strument ikollha tiġi miżjuda mal-liċenzja miżmuma, is-smiġh għandu jiġi ttestjat b'awdjometrija ta' ton pur fl-eżami inizjali u, fil-validazzjoni mill-ġdid sussegwenti jew eżamijiet ta' tiġdid, kull ħames snin sa l-età ta' 40 sena u kull sentejn wara dan.
    - (ii) Meta ttestjati dwar awdjometru ta' ton pur, l-applikanti inizjali m'għandux ikollhom telf tas-smiġh ta' aktar minn 35 dB fuq kwalunkwe mill-frekwenzi 500, 1 000 jew 2 000 Hz, jew iktar minn 50 dB fuq 3 000 Hz, fi kwalunkwe waħda mill-widnejn separatament. Applikanti għall-validazzjoni mill-ġdid jew tiġdid, b'telf tas-smiġh akbar għandhom juru kapaċità funzjonali sodisfaċenti tas-smiġh.
    - (iii) Applikanti bi tnaqqis fis-smiġh għandhom juru kapaċità funzjonali sodisfaċenti tas-smiġh.
  - (2) Għandu jsir eżami komprensiv tal-widnejn, tal-immieher u tal-gerżuma għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1 u perjodikament wara dan meta jkun indikat klinikament.

- (d) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 bi:
- (1) proċess patoloġiku attiv, akut jew kroniku, tal-widna interna jew tan-nofs;
  - (2) perforazzjoni mhux imfejqa jew disfunzjoni tal-membrana/i timpanika/timpaniċi;
  - (3) disturb tal-funzjoni vestibolari;
  - (4) restrizzjoni sinifikanti tal-passaġġi fl-immieħer;
  - (5) disfunzjoni sinużali;
  - (6) malformazzjoni sinifikanti jew infezzjoni sinifikanti, akuta jew kronika tal-kavità orali jew tan-naħa ta' fuq tal-passaġġ respiratorju;
  - (7) disturb sinifikanti fil-kliem jew bil-vuċi;
- għandhom jgħaddu minn eżami mediku ulterjuri u valutazzjoni biex jiġi stabbilit li l-kundizzjoni ma tinterferixx mal-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja miżmuma.
- (e) Valutazzjoni ajromedika:
- (1) applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 1 b'disturb fil-funzjoni vestibolari għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji;
  - (2) is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 b'disturb fil-funzjoni vestibolari għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

### **MED.B.085 Dermatoloġija**

L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda kundizzjoni dermatoloġika stabbilita li x'aktarx tfixkel l-eżerċizzju b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli miżmuma.

### **MED.B.090 Onkoloġija**

- (a) L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda mard malinn primarju jew sekondarju stabbilit li x'aktarx ifixkel il-qadi b'mod sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i applikabbli.
- (b) Wara trattament għal mard malinn, l-applikanti għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni onkoloġika sodisfaċenti qabel ma tkun tista' ssir valutazzjoni tajba. Applikanti tal-klassi 1 għandhom jiġu riferuti għand l-awtorità tal-liċenzji. Is-saħħa tal-applikanti tal-klassi 2 għandha tiġi stabbilita b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.
- (c) Applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjożi klinika ta' tumor malinn intraċerebrali għandhom jiġu stmati bħala mhux idonei.

## **Taqsim 3**

### **Rekwiżiti speċifiċi għal ċertifikati mediċi tal-LAPL**

#### **MED.B.095 Eżami mediku tal-applikanti għal ċertifikati mediċi tal-LAPL**

- (a) L-applikant għal ċertifikat mediku tal-LAPL għandu jiġi evalwat abbażi tal-aħjar prattika ajromedika.
- (b) Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-istorja medika sħiħa tal-applikant.
- (c) L-eżami ajromediku għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:
  - (1) eżami kliniku;

- (2) pressjoni tad-demmm;
  - (3) test tal-awrina;
  - (4) viżjoni;
  - (5) kapaċità tas-smiġh.
- (d) Wara l-ewwel ħruġ ta' ċertifikat mediku tal-LAPL, l-eżamijiet ajromediċi sa l-età ta' 50 sena jistgħu jitnaqqsu b'attenzjoni xierqa għall-valutazzjoni tal-istorja medika tal-applikant.

**SUBPARTI C**

**REKWIŻITI GĦAL ĊERTIFIKATI MEDIĊI TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU  
TAL-AJRU**

RIŻERVAT

## **SUBPARTI D**

### **REKWIŻITI GĦAS-SAĦĦA MEDIKA TAL-EKWIPAĠĠ TAL-KABINA**

#### **Taqsim 1**

##### **Rekwiżiti ġenerali**

###### **MED.D.001 Ġenerali**

Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom iwettqu biss id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet meħtieġa mir-regoli tas-sigurtà fl-avjazzjoni fuq inġenju tal-ajru jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli ta' din il-Parti.

###### **MED.D.005 Valutazzjonijiet ajromediċi**

- (a) Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom jgħaddu minn valutazzjonijiet ajromediċi biex jivverifikaw li huma ħielsa minn kwalunkwe mard fiżiku jew mentali li jista' jwassal għal nuqqas fil-kapaċità jew nuqqas fl-abbiltà li jwettqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet assenjati lilhom.
- (b) Kull membru tal-ekwipaġġ tal-kabina għandu jkun soġġett għal valutazzjoni ajromedika qabel ma jkun assenjat għall-ewwel darba id-dmirijiet fuq inġenju tal-ajru, u wara dan f'intervalli ta' massimu 60 xahar.
- (c) Il-valutazzjonijiet ajromediċi għandhom isiru minn AME, AeMC, jew minn OHMP jekk ir-rekwiżiti tal-MED.E.040 jiġu mħarsa.

#### **Taqsim 2**

##### **Rekwiżiti għal valutazzjoni ajromedika tal-ekwipaġġ tal-kabina**

###### **MED.D.020 Ġenerali**

Il-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe:

- (a) anormalità, konġenitali jew akkwistata;
- (b) marda jew diżabbiltà attiva, latenti, akuta jew kronika;
- (c) ferita, korriment jew sequelae minn operazzjoni; u
- (d) effett jew effetti sekondarju ta' xi medikazzjoni terapewtika, dijanjostika jew ta' prevenzjoni meħuda, kemm jekk miksuba b'riċetta ta' tabib kif ukoll jekk le

li tinvolvi livell ta' nuqqas ta' kapaċità funzjonali li tista' twassal għal nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' abbiltà li jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' sikurezza tagħhom.

###### **MED.D.025 Kontenut tal-valutazzjonijiet ajromediċi**

- (a) Valutazzjoni ajromedika inizjali għandha tinkludi mill-inqas:
  - (1) valutazzjoni tal-istorja medika tal-applikant membru tal-ekwipaġġ tal-kabina, u

- (2) eżami kliniku ta' dawn li ġejjin:
- (i) is-sistema kardjovaskulari;
  - (ii) is-sistema respiratorja;
  - (iii) is-sistema muskuloskeletal;
  - (iv) otorino-laringologija;
  - (v) sistema viżiva; u
  - (vi) viżta bil-kulur.
- (b) Kull valutazzjoni ajromedika mill-ġdid sussegwenti għandha tinkludi mill-inqas evalwazzjoni tal-istorja medika tal-membru tal-ekwipaġġ tal-kabina, u eżami kliniku jekk meqjus meħtieġ skont l-aħjar prattika medika.
- (ċ) Għall-finijiet ta' (a) u (b), fil-każ ta' kwalunkwe dubju jew jekk ikun indikat klinikament, valutazzjoni ajromedika ta' membru tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha tinkludi wkoll kwalunkwe eżami mediku, test jew investigazzjoni addizzjonali li huma meqjusin meħtieġa mill-AME, AeMC jew OHMP.

### **Taqsim 3**

#### **Rekwiżiti addizzjonali għall-applikanti għal, jew id-detenturi ta', attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

##### **MED.D.030 Rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina**

- (a) Wara t-tlestija ta' kwalunkwe valutazzjoni ajromedika, applikanti għal, u detenturi ta', l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina:
- (1) għandhom jiġu pprovduti b'rapport mediku dwar l-ekwipaġġ tal-kabina mill-AME, l-AeMC jew l-OHMP; u
  - (2) għandhom jipprovdu l-informazzjoni relatata, jew kopja tar-rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina tagħhom lill-operatur(i) li juża(w) is-servizzi tagħhom.
- (b) *Rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina*
- Rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina għandu jindika d-data tal-valutazzjoni ajromedika, kemm jekk il-membru tal-ekwipaġġ tal-kabina jkun ġie vvalutat idoneu kif ukoll jekk le, id-data tal-valutazzjoni ajromedika meħtieġa li jmiss u, jekk applikabbli, kwalunkwe limitazzjoni. Kwalunkwe element ieħor għandu jkun soġġett għall-kunfidenzjalità medika skont MED.A.015.

##### **MED.D.035 Limitazzjonijiet**

- (a) Jekk detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina ma jissodisfawx għal kollox ir-rekwiżiti mediċi speċifikati fit-Taqsima 2, l-AME, l-AeMC jew l-OHMP għandhom jikkunsidraw jekk dawn ikunux jistgħu jaqdu d-dmirijiet ta' ekwipaġġ tal-kabina b'mod sikur jekk jikkonformaw ma' limitazzjoni waħda jew aktar minn waħda.
- (b) Kwalunkwe limitazzjoni għall-qadi tal-privileġġi mogħtija mill-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha tiġi speċifikata fir-rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina u għandha titneħħa biss minn AME, AeMC jew minn OHMP b'konsultazzjoni ma' AME.

## SUBPARTI E

### EŻAMINATURI AJROMEDIĊI (AME), PROFESSJONISTI MEDIĊI ĠENERALI (GMP), PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA MEDIKA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (OHMP)

#### Taqsim 1

#### Eżaminaturi Ajromediċi

##### **MED.E.001 Privileġġi**

- (a) Il-privileġġi ta' AME huma li joħroġ, jivvalida mill-ġdid u jġedded ċertifikati mediċi tal-klassi 2 u ċertifikati mediċi tal-LAPL, u li jwettaq eżamijiet u valutazzjonijiet mediċi rilevanti.
- (b) Detenturi ta' ċertifikat tal-AME jistgħu japplikaw għal estensjoni tal-privileġġi tagħhom biex jinkludu eżamijiet mediċi għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1, jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti f'MED.E.015.
- (c) L-ambitu tal-privileġġi tal-AME, u kwalunkwe kondizzjoni tiegħu, għandhom jiġu speċifikati fiċ-ċertifikat.
- (d) Id-detenturi ta' ċertifikat bħal AME m'għandhomx iwettqu eżamijiet u valutazzjonijiet ajromediċi fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li ħareġ iċ-ċertifikat tagħhom bħala AME, sakemm ma jkunux:
  - (1) ingħataw aċċess mill-Istat Membru ospitanti biex jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom bħala tabib speċjalizzat;
  - (2) infurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti bl-intenzjoni tagħhom li jwettqu eżamijiet u valutazzjonijiet ajromediċi u li joħroġu ċertifikati mediċi fl-ambitu tal-privileġġi tagħhom bħala AME; u
  - (3) irċevew informazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

##### **MED.E.005 Applikazzjoni**

- (a) Applikazzjoni għal ċertifikat bħala AME għandha ssir fl-għamla u bil-mod speċifikat mill-awtorità kompetenti.
- (b) L-applikanti għal ċertifikat AME għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bi:
  - (1) id-dettalji personali u l-indirizz professjonali;
  - (2) dokumentazzjoni li turi li huma jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-MED.E.010, inkluż ċertifikat tat-tlestija tal-kors ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni xieraq għall-privileġġi li japplikaw għalihom;
  - (3) dikjarazzjoni bil-miktub li l-AME se joħroġ ċertifikati mediċi fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' din il-Parti u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) assoċjati adottati mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija).



- (c) Meta l-AME jintrabat li jwettaq eżamijiet ajromediċi f'aktar minn post wieħed, dawn għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni rilevanti rigward il-postijiet kollha tal-prattika.

#### **MED.E.010 Rekwiżiti għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-AME**

L-applikanti għal ċertifikat tal-AME bil-privileġġi għall-ħruġ inizjali, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 2 għandhom:

- (a) ikunu kkwalifikati għal kolli u liċenzjati għall-prattika tal-mediċina u jkollhom Ċertifikat ta' Tlestija tat-taħriġ speċjalizzat;
- (b) ikunu wettqu kors ta' taħriġ bażiku fil-mediċina tal-avjazzjoni;
- (c) juru lill-awtorità kompetenti li:
  - (1) għandhom faċilitajiet adegwati, proċeduri, dokumentazzjoni u tagħmir funzjonali xieraq għal eżamijiet ajromediċi; u
  - (2) ikollhom fis-seħħ il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità medika.

#### **MED.E.015 Rekwiżiti għall-estensjoni tal-privileġġi**

L-applikanti għal ċertifikat tal-AME li jestendi l-privileġġi tagħhom għall-ħruġ, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 1 għandu jkollhom ċertifikat validu bħala AME u jkunu:

- (a) wettqu mill-inqas 30 eżami għall-ħruġ, validazzjoni mill-ġdid jew tiġdid ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 2 matul perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin qabel l-applikazzjoni;
- (b) għamlu kors ta' taħriġ avanzat fil-mediċina tal-avjazzjoni; u
- (c) għaddew minn taħriġ Prattiku fl-AeMC.

#### **MED.E.020 Korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni**

- (a) Il-korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-organizzazzjoni li tipprovdi għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha. L-organizzazzjoni li tipprovdi l-kors għandha turi li s-sillabu tal-kors huwa adegwat u li l-persuni responsabbli biex jipprovdu t-taħriġ għandhom għarfien u esperjenza adegwata.
- (b) Ħlief fil-każ ta' taħriġ ta' aġġornament, il-korsijiet għandhom jiġu konklużi permezz ta' eżami bil-miktub dwar is-suġġetti nklużi fl-kontenut tal-kors.
- (c) L-organizzazzjoni li tipprovdi l-kors għandha toħroġ ċertifikat ta' tlestija lill-applikanti meta jkunu għaddew mill-eżamijiet.

#### **MED.E.025 Bidliet għal-ċertifikat tal-AME**

- (a) L-AMEs għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bil-bidliet li ġejjin li jistgħu jaffettwaw iċ-ċertifikat tagħhom:
  - (1) l-AME jkun suġġett għal proċeduri dixxiplinari jew investigazzjoni minn korp regolatorju mediku;

- (2) ikun hemm xi bidliet fil-kundizzjonijiet li fihom inħareġ iċ-ċertifikat, inkluż il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ipprovdu mal-applikazzjoni;
  - (3) ir-reqwiziti għall-ħruġ m'għadhomx jiġu sodisfatti;
  - (4) hemm bidla fil-post(ijiet) tal-prattika jew fl-indirizz ta' korrispondenza tal-eżaminatur ajromediku.
- (b) Nuqqas ta' informazzjoni lill-awtorità kompetenti għandha tirriżulta fis-sospensjoni jew revoka tal-privileġġi tal-awtorizzazzjoni.

#### **MED.E.030 Validità taċ-ċertifikati tal-AME**

Għandu jinħareġ ċertifikat tal-AME għal perjodu li ma jaqbiżx 3 snin. Għandu jkun ivvalidat mill-ġdid sakemm id-detentur:

- (a) ikompli jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-prattika medika u jżomm ir-reġistrazzjoni bħala prattikant mediku skont il-liġi nazzjonali;
- (b) iwettaq taħriġ ta' aġġornament fil-mediċina tal-avjazzjoni fl-aħħar 3 snin;
- (c) ikun wettaq mill-inqas 10 eżamijiet mediċi kull sena;
- (d) jibqa' konformi mat-termini tal-awtorizzazzjoni tagħhom; u
- (e) jeżerċita l-privileġġi tagħhom skont din il-Parti.

### **Taqsim 2**

#### **Professjonisti Mediċi Ġenerali (GMP)**

#### **MED.E.035 Rekwiżiti għal professjonisti mediċi ġenerali**

- (a) Il-GMPs għandhom jaġixxu bħala AMEs għall-ħruġ ta' ċertifikati mediċi tal-LAPL biss
  - (1) jekk huma jeżerċitaw l-attività tagħhom fi Stat Membru fejn il-GMPs ikollhom aċċess xieraq għar-reġistri mediċi sħaħ tal-applikanti; u
  - (2) f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit addizzjonali stabbilit fil-liġi nazzjonali.
- (b) Sabiex joħroġu ċertifikati mediċi tal-LAPL, il-professjonisti mediċi ġenerali (GMP) għandhom ikunu kkwalifikati u liċenzjati għal kollox għall-prattika tal-mediċina skont il-liġi nazzjonali.
- (c) Il-GMPs li jaġixxu bħala AMEs għandhom jiddikjaraw l-attività tagħhom lill-awtorità kompetenti.

### **Taqsim 3**

#### **Professjonisti tas-Saħħa Medika fuq il-Post tax-Xogħol (OHMP)**

#### **MED.E.040 Rekwiżiti għal professjonisti tas-saħħa medika fuq il-post tax-xogħol**

L-OHMPs għandhom iwettqu biss valutazzjonijiet ajromediċi tal-ekwipaġġ tal-kabina jekk:

- (a) l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li s-sistema nazzjonali rilevanti tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol tista' tiżgura l-konformità mar-reqwiziti applikabbli ta' din il-Parti;

- (b) dawn ikunu liċenzjati fil-prattika tal-mediċina u kkwalifikati fil-mediċina fuq il-post tax-xogħol skont il-liġi nazzjonali; u
- (c) ikunu kisbu għarfien fil-mediċina tal-avjazzjoni kif rilevanti fl-ambjent operattiv tal-ekwipaġġ tal-kabina.